

# MARL



# MALTA

## Fuljett maħruġ mill-MARL

## Għad-Dilettanti tar-Radju

## Maltin u Għawdxin

### Numru 52

### Lulju 2010

**Fiċ-Ċentru mhux** 

**permess tipjip**

## Mill-Editur

Ħbieb,
Nilqagħkom għal ħarġa oħra ta' dan il-fuljett ta' Lulju 2010 li hija t-52 ħarġa ta' din is-sensiela.

Is-segretarju jixtieq jinforma lill-qarrejja li l-eżami biex wieħed jikseb liċenzja ta' dilettant tar-radju se jsiru dax-xahar u d-dettalji jinsabu aktar 'l isfel f'dan il-fuljett. Dawn kollha interessati m'għandhomx jitilfu din l-opportunita', għaliex għalkemm isiru eżamijiet, iktar ma tagħmlu l-eżami malajr iktar tkunu tistgħu iġġibu il-liċenzja u titkellmu ma dilettanti tar-radju oħrajn.

F'din il-ħarġa għandkom żewġ ritratti li wieħed jista' jsejħilhom storiċi tal-laqgħa li kienet saret fl-Istitut Kattoliku numru ta' snin ilu fejn bħala riżultat tagħha kienu ingħaqdu l-**Malta Amateur Radio Society** (**MARS**) u l-**Central Amateur Radio Society** (**CARS**) biex twieldet il-**Malta Amateur Radio League** (**MARL**).

Il-maġġoranza ta' dawk li jidhru fir-ritratti għadhom magħna, imma hemm xi wħud li issa ħallewna, kemm għax siefru f'artijiet oħra u lil dawn insellmulhom, kif ukoll għax marru jingħaqdu mal-Mulej u lil dawn nitolbu għalihom.

Hawnhekk irrid ngħid li kien hemm min ġibidli l-attenzjoni li qabel f'Novembru kienet issir quddiesa għal ruħ id-dilettanti tar-radju li ħallewna u li issa jidher li m'għadhiex issir u talbuni biex niġbed l-attenzjoni tal-Kumitat għaliha.

Naħseb li kien ħsieb tajjeb u tradizzjoni tajba li wieħed jiftakar f'dawk id-dilettanti tar-radju li ħallewna u jkun tajjeb li din il-quddiesa terġa' tibda ssir, imma dan inħallih għall-Kumitat biex jiddeċiedi.

Dan l-aħħar kont bgħatt messaġġ bil-posta elettronika lill-grupp tal-jaħuu għaliex kien hemm dilettant tar-radju li kien se jagħmel iċ-ċirkwiti stampati għall-intunatur tal-antenna awtomatiku li jiena kont għamilt waħda bħalha. Smajt ukoll min jgħid li jrid jixtri waħda u se jonfoq aktar minn €200 għaliha.

Kien hemm xi wħud li staqsew dwarha fuq il-grupp tal-jaħuu u jiena issuġġerejtilhom biex jiltaqgħu flimkien u jagħmluha għaliex tiġihom xi ħaġa madwar €100 jew ftit aktar. L-istess nissuġġerixxi li kulħadd għaliex mhux biss tiġik irħas, imma tkun għamilta int stess u tkun taf eżatt x'għamilt barra li titgħallem aktar. Hija proġett tajjeb kemm biex tagħmluha waħidkom id-dar jew flimkien fiċ-Ċentru tal-**MARL**.

Bħal dejjem, nittama li l-informazzjoni fil-fuljett issibuha siewja għalikom u jekk ikollkom xi artiklu jekk jogħġobkom ħalluh fil-kaxxa tal-**QSL** tiegħi jew tistgħu tibgħatuha fuq l'e-mail tiegħi **9h1av at searchmalta dot com**.

**Lawrence**
**9H1AV/9H9MHR/9H79AV**

## Eżami għal Liċenzja

Il-Malta Amateur Radio League (**MARL**) se tagħmel l-eżami għal dawk li jridu jiksbu liċenzja ta' dilettanti tar-radju. Dan l-eżami se jsir fiċ-Ċentru tal-**MARL** fi Triq Notabile, Ħ'Attard nhar is-**Sibt 17 ta' Lulju**.

L-eżami fih żewġ partijiet : bil-kitba bejn id-**09.00 a.m. u 11.15 a.m.** u prattika kodiċi Morse minn **12.00 a.m. sas-13.00 p.m.**

Tajjeb li tkunu tafu li jekk il-kandidati jispiċċaw l-eżami bil-kitba qabel il-ħin allokat, l-eżami tal-kodiċi Morse jibda qabel il-ħin avżat, għalhekk jekk jogħoġobkom kunu fil-post ftit kmieni.

l-applikazzjonijiet għandhom jingħataw sa' nhar il-Ħadd 4 ta' Lulju flimkien ma kopja tal-kulur tal-karta ta' identita' miż-żewġ naħat u fuq l-aplikazzjoni tagħkom iktbu n-numru taċ-ċellulari u l-indirizz tal-posta elettronika.

L-eżami bil-kitba jiswa **€35** waqt li l-eżami tal-kodici Morse jiswa **€7**. Għal aktar informazzjoni ċemplu lis-Segretarju fuq **79437808** jew posta elettronika lil Exam Info jew personalment fiċ-Ċentru tal-**MARL** it-Tlieta u l-Ħamis bejn is-6.00 p.m. u t-8.00 p.m. u l-Ħadd bejn l-10.00 u 12.00 a.m.

**Lawrence**
**9Ħ1AV/9Ħ9MĦR/9Ħ79AV**

### Ritratti Storiċi

Illum għandkom żewġ ritratti storiċi li sibt qalb ir-ritratti antiki tiegħi. Dawn huma zewġ ritratti tal-laqgħa li kienet saret fl-Istitut Kattoliku biex twieldet il-**MARL**.




F'dan ir-ritratt jidhru mix-xellug għal-lemin **1 ?, 2 ?, 3 Karmenu 9H1AQ**, **3 Tony 9H1FG**, **4 Charles 9H1FT – N4JQH**, **5 ?, 6 ?, 7 ?**



Quddiem mix-xellug għal lemin, **?**, **Chris 9H1BW**, **?**, It-tieni ringiela **Emanuel 9H1FW – 9H4S**, **Lawrence 9H1AV - 9Ħ79AV - 9Ħ9MĦR**.

Jekk hemm min jaf id-data tal-laqgħa u jekk hemm min jagħraf lil xi ħaddieħor jekk jogħġbu jibgħatli e-mail. L-istess jekk xi ħadd għandu xi ritratti oħra ta' din il-laqgħa jekk jogħġbu jgħaddili kopja ħalli nkun nista' nagħmilhom fuq il-fuljett ħalli jibqgħu għall-istorja għax dawn kollha huma parti mill-istorja tar-radju u d-dilettanti tar-radju f'Malta kif ukoll dwar l-iżviluppi ta' l-għaqdiet tad-dilettanti tar-Radju f'Malta.

Hawnhekk nixtieq nagħmel appell lill-**Gozo Amateur Radio Society GARS**, biex jekk jogħġobhom jgħadduli dettalji dwar it-twaqqif ta' l-għaqda tagħhom ħalli nagħmilhom ukoll fuq il-fuljett biex anki din l-għaqda tibqa' mfakkra fl-istorja.

**Lawrence**
**9Ħ1AV/9Ħ9MĦR/9Ħ79AV**

## Staġun tal-urugani fl-Atlantiku

Kif tafu, fl-Atlantiku fis-sajf ikun hemm staġun tal-urugani in-naħa tal-Amerika. Dan l-istaġun huwa meqjus li jkun bejn l-1 ta' Ġunju u t-30 ta' Novembru kull sena. Dawn l-urugani jikkawżaw ħafna ħsarat u anki telfien ta' ħajja, kemm minħabba l-irjieħat qawwijja, mewġ kbir kif ukoll minn xita bil-qliel.

Għalhekk, id-dilettanti tar-radju fil-pajjiżi ta' l-Atlantiku għandhom gruppi li dejjem lesti li jagħtu l-għanuna tagħhom bħal ma hawn Malta għandna l-grupp ta' emerġenza tal-**MARL**.

Minħabba f'hekk, hemm frekwenzi li jintużaw apposta u huwa mitlub li jekk ikun għaddej xi urugan kulħadd għandu joqgħod attent li ma jużax dawn il-frekwenzi u ma jikkawżax interferenza għax tista' tfisser telfien ta' ħajjiet.

Hawn taħt għandkom lista ta' frekwenzi li jintużaw minn dawn il-gruppi u d-dilettanti tar-radju fir-Reġjun 1 għandhom joqgħodu attenti billi jissemmgħu qabel jużawhom u li ma jużawhomx jekk ikun hemm traffiku ta' emerġenza għaddej fuqhom.

**14.300 MHz** hija wżata mill-**Maritime Mobile Service Net** **http://www.mmsn.org/** kuljum kif ukoll għal traffiku minn Stazzjonijiet Mobbli Marittimi, u tiġbor ukoll rapporti tat-temp minn stazzjonijiet marittimi biex tgħin il-bassara tat-temp.

**14.325 MHz** hija wżata mill-**Hurricane Watch** Net **http://www.hwn.org/** liema sistema tidħol fis-seħħ kull darba li maltempata tkun tista' taffettwa l-Istati Magħquda ta' l-Amerika. Is-sistema tiġbor informazzjoni tat-temp u tingħaqad maċ-Ċentru Nazzjonali Amerikan tal-Urugani (American National Hurricane Centre).

**14.265 MHz** hija wżata mis-**Salvation Army Team Emergency Radio Network** (**SATERN** **http://www.satern.org/** ) li tipprovdi ħoloq ta' traffiku dwar Saħħa u Qagħda Tajba għal dawk affettwati kif ukoll sostenn lill-Army Disaster relief response f'każ ta' urugan.

**Frekwenzi wżati f'Kuba**
**7.045 MHz, 7.080 MHz, 7.110 MHz u 3.740 MHz**

**Frekwenzi wżati fl-Amerika Ċentrali**

| | |
|---|---|
| **Red Centro Americana** : | **7.090 MHz u 3.750MHz** |
| **Gwatemala**: | **7.075 MHz** |
| **Nikaragwa**: | **7.098 MHz** |
| **Messiku** (**FMRE**) | **3.690 MHz and 7.060 MHz** |

Kuba u l-Messiku jikkoperaw bi stazzjonijiet li jirrepetu fuq l-40 metru meta l-propagazzjoni tkun possibbli.

Gruppi lokali ta' komunikazzjonijiet ta' emerġenza jistgħu jkunu wkoll attivi meta jkun riesaq urugan lejn l-inħawi tagħhom u l-frekwenzi wżati jiġu mħabbra dak iż-żmien.

Għaldaqstant, issemmgħu tajjeb qabel tużaw dawn il-frekwenzi ħalli ma tagħmlux interferenza jekk ikun għaddej traffiku ta' emerġenza fuqhom u jekk tkunu qed tużawhom issemmgħu u agħtu pawsa kull tant ħin għaliex jista' jkun li għalkemm fil-bidu ma jkunx hemm propagazzjoni minn u lejn dawk l-inħawi, waqt li tkunu qed tużawhom il-propagazzjoni tiftaħ u tikkawżaw interferenza li tista' tfisser telf ta' ħajjiet.

**Lawrence**
**9H1AV/9H9MHR/9H79AV**

## 500kHz

Infakkarkom li dawn il-pajjiżi taw permess lid-dilettanti tar-radju tagħhom jaħdmu fuq din il-frekwenza.

| | |
|---|---|
| **Svezja** | **500, 501 - 508** |
| **Germanja** | **505.0 - 505.2** |
| **Repubblika Ċeka** | **505.60 1** |
| **Renju Magħqud** | **501 - 504** |
| **Belgju** | **501 - 504** |
| **Kanada** | **504 - 509** |
| **Norveġja u Wirt Amerikan** | **493 - 510** |
| **Rumanija** | **505.68** |
| **Danimarka** | **501 - 504** |

| | |
|---|---|
| **Irlanda** | **501 - 504** |
| **Olanda** | **501 - 504** |
| **Islanda** | **493 - 510** |
| **Zelanda l-Ġdida** | **505 - 515** |

**U Malta ????**

**Lawrence**
**9H1AV/9H9MHR/9H79AV**

## 70 MĦz

Illum għandkom aktar aħbarijiet fuq għoti ta' permessi biex id-dilettanti tar-radju jkunu jistgħu jaħdmu fuq il-frekwenza ta' **70 MHz**.

## San Marino

**Antonio, IK4PMB** kien f'kuntatt ma' **Tony, T77C**, li nfurmah li l-awtoritajiet ta' San Marino kien taw permess lid-dilettanti tar-radju biex ikunu jistgħu jaħdmu bejn **70 MĦz** sa **70.5 MĦz** sal-31 ta' Ottubru 2010 b'saħħa ta' **100 Watt**.

## Slovakkja

**OM3EI** qal li fl-2009 is-Slovakkja kienet tat permess lid-dilettanti tar-radju biex jaħdmu fuq is-**70 MĦz** għal sena, imma huma jistgħu jerġgħu japplikaw ukoll din is-sena u jittama li jkomplu fil-futur.

Huwa qal li l-liċenzji maħruġa fl-2010 ġew aġġornati: **70.190-70.215 MĦz** (**ĊW, SSB u MGM**) u **70,300 MĦz -70,350 MĦz** (**ĊW, SSB, MGM u FM**). Saħħa **10 W ERP**.

## Italja

It-Taljani din is-sena reġgħu ingħataw liċenzja biex jaħdmu wkoll fuq din il-frekwenza u l-liċenzja hija valida sat-30 ta' Novembru 2010.

Il-kundizzjonijiet huma bħal tas-snin ta' qabel, jiġifieri **70.100 MĦz, 70.200 MĦz** and **70.300 MĦz** kollha **+/- 12.5 kĦz, 25 W EIRP**.

## Spanja[1]

Id-dilettanti tar-radju spanjoli reġgħu ingħataw permess ikomplu jaħdmu fuq din il-frekwenza sa' l-1 ta' Lulju 2011. Din l-allokazzjoni hija minn **70.150 MĦz -70.200 MĦz**. Saħħa ta' **10 W ERP**.

## Emirati Għarab Magħquda[2]

L-Emirati Għarab Magħquda taw permess lid-dilettanti tar-radju biex jużaw din il-frekwenza minn Lulju 2009. Hija allokazzjoni sekondarja minn **70.0 MĦz s 70.5 MĦz**. Saħħa **100 W**.

**U Malta ?????**

**Lawrence**
**9H1AV/9H9MHR/9H79AV**

---

[1] http://www.mityc.es/telecomunicaciones/Espectro/radioaficionados/Documents/Resolucion70MHz.pdf
[2] http://www.tra.gov.ae/download.php?filename=spectrum_affairs/Regulations%20for%20Amateurs_En%20Ver%201.0%20(unsigned).pdf

## Tmiem il-Ġimgħa Internazzjonali tal-Fanali u Vapuri tal-Fanali

Kif tafu kull sena dilettanti tar-radju jmorru jaħdmu minn fanali u vapuri tal-fanali. Dan huwa organizzat mill-għaqda AYR Amateur Radio Group, ta' l-Iskozja.

Ġieli kien hemm min ħa sehem f'din l-attivita'u għalhekk qiegħed infakkarkom biex min irid jibda jipprepara. Din is-sena din l-attivita' se tinżamm fi tmiem il-ġimgħa bejn il-21 u t-22 ta' Awissu.

Naf li hemm min ġej minn barra biex jipprova jaħdem mill-postijiet kollha possibbli minn Malta u Għawdex, u għalhekk tajjeb li min se jieħu sehem f'din l-attivita' jkun jaf b'dan.

Infakkarkom li wieħed ma jistax imur fuq l-ilqugħ tal-port biex jaħdem minn hemmhekk minħabba sigurta' u huwa mnost mill-awtoritajiet.

Wieħed jista' jmur fuq il-paġna ta' l-internet ta' din l-attivita' **http://illw.net/** u jista' jniżżel formola tal-applikazzjoni minn fuq **http://illw.net/contact_us.php**

**Lawrence**
**9H1AV/9H9MHR/9H79AV**

## Il-Grupp tal-Aeġew

Il-grupp tal-Aeġew, kaxxa postali **04 SAMOS GR 83100 HELLAS** – il-Greċja jixtiequ jfakkrukom dwar il-kompetizzjoni tas-**6 metri** u **VHF** tagħhom se jsir fit-3 u l-4 ta' Lulju 2010.

Se jkun hemm stazzjonijiet b'nominattivi speċjali jaħdmu minn kull parti tal-Greċja b'kull mod, jiġifieri **CW, SSB, FM, RTTY, SSTV, PSK** eċċ.

Din hija opportunita' għal dawk li jħobbu jġemmgħu l-kartolini **QSL** u biex jiksbu xi ċertifikat mill-Greċja fuq is-**6 metri** u **VHF**.

Il-kompetizzjoni se ssir fuq il-pjan tal-frekwenzi tar-Reġjun 1 tal-IARU fuq **50MHz, 144MHz u 432MHz**. Minħabba li fil-Greċja m'huwiex permess l-**FM** fuq is-**6 metri** dan il-mod mhux se jintuża fuq din il-frekwenza.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb minn fuq **www.aegeanDXgroup.gr** << contest >> jew permezz ta posta elettronika lil **SV2DCD Leo** contest manager, **sv2dcd @ yahoo.com** jew permezz ta' ittra lil

**AEGEAN DX GROUP**
**P.O. BOX 4**
**Samos Isl GR 83100**
**HELLAS-Greece**

Radd il-ħajr lil **Ivan 9H1PI** ta' din l-informazzjoni li ntbagħtet lilna minn **Vassilis Tzanellis SV8CYV sv8cyv @ gmail.com**

**Lawrence**
**9H1AV/9H9MHR/9H79AV**

## Radd il-ħajr dwar it-Tx li ingħatajna

Wara li kif għedtilkom fl-aħħar ħarġa irnexxilna nakkwistaw trasmettitur li kien jintuża bħala fanal tar-radju għall-ajruplani u salvajnih milli jinqered, il-President bagħat ittra ta' radd il-ħajr lil min kien inkarigat. Dan min-naħa tiegħu radd il-ħajr għall-ittra ta' apprezzament li ntbagħtet lilu permezz ta' posta elettronika lill-President.

**17 ta' Ġunju 2010**

**Għażiż Fortunato,**
**Irċevejt l-ittra tal-MARL li kkonfermat it-trasferiment tal-Aerocom 1 kW trasmettitur S/N263 mill-post tagħna f'Bengħajsa lill-MARL, bħala donazzjoni mingħand MATS Lts. Dan it-trasferiment ġie approvat mill_awtorita' tal-Komunikazzjoni Maltija bil-patt li ma jintużaw aktar fuq il-faxxa tal-frekwenza aeronawtika.**

**L-isbaħ xewqat**
**Robert**

## Telfien fil-fili koassjali

Kulħadd jaf li f'kull linja ta' trasmissjoni hi ta' liema tip hi dejjem hemm telfien tas-sinjal. Kif jaf kulħadd l-inqas telfien huwa f'dawk il-linji ta' trasmissjoni li jkunu magħmula minn fili paralelli mingħajr insulazzjoni bejniethom jew b'insulaturi kull tant tul biex tinżamm l-istess wisa' bejn il-fili.

Dawn il-fili jridu jinżammu kemm jista' jkun f'linji dritti u fejn ikun meħtieġ li jkun hemm xi dawrien irid isir kemm jista' jkun fit-tul ħalli ma tinbidilx l-impedenza tagħhom u jinżammu 'l bogħod minn metalli.

Hemm ukoll tipi oħra magħrufa bħala fili koassjali li dejjem għandhom telfien aktar minn linji oħra, imma l-fatt li l-fili koassjali jistgħu jiddawru f'dawriet żgħar mingħajr ma jbiddlu l-impedenza tagħhom, jistgħu jintradmu u ma tantx hemm problemi kif tgħaddihom bħal ma hemm fil-fili bilanċjati msemmija qabel waqt li x-xibka tilqa' interferenza milli tidħol fuq il-konduttur ta' ġewwa kif ukoll illum l-apparat huwa magħmul biex jaħdem bil-fili koassjali, l-użu tagħhom huwa kbir ħafna.

Biex nagħti eżempju, it-telfien ifisser li jekk inti għandek telfien fil-linja ta' trasmissjoni ta' 3dBs, fl-antenna qed jasal biss nofs is-sinjal, jiġifieri jekk inti qed tibgħat 100 Watt se jaslu biss 50 Watt u l-bqija jservu biss biex isaħħnu l-linja ta' trasmissjoni.

Dan japplika wkoll meta antenna tkun qed tintuża għal riċevitur, jiġifieri jekk nieħdu l-istess każ fejn il-linja ta' trasmissjoni għandha telf ta' 3dBs, fir-riċevitur qed jasal biss nofs is-sinjal li qed jinqabad mill-antenna.

Imma filwaqt li fit-trasmissjoni inti b'xi mod tista żżid is-saħħa tat-trasmissjoni biex tagħmel tajjeb għat-telf li jkollok fil-linja ta' trasmissjoni jekk il-linja tkun tiflaħ għaliha, jekk is-sinjal li tkun trid tirċievi jkun żgħir ħafna jista' jintilef fil-linja jew ma jkollokx sinjal biżżejjed biex tisimgħu tajjeb.

Is-soluzzjoni li żżid is-saħħa ta' trasmissjoni tiswik ħafna iktar flus għaliex barra l-apparat trid ukoll tagħti każ tal-konsum tal-elettriku li tkun qiegħed iżżidu, waqt li jekk sinjal jintilef fil-linja ta' trasmissjoni ma tkun tista' tagħmel xejn biex iġġibu lura.

Għaldaqstant, huwa mportanti li kemm jista' jkun tqabbel l-impedenza tal-linja tat-trasmissjoni ma' l-impedenza ta' l-antenna, waqt li tuża kemm jista' jkun linja ta' trasmissjoni li jkollha telf mill-inqas u qasira kemm jista' jkun għaliex iktar ma tkun qasira inqas għandek telf tas-sinjali.

Għalkemm hemm linji oħra ta' trasmissjoni bħal ma huma l-linja G msemmija għall-inventur tiegħu George J. E. Goubau u anki oħrajn, qiegħed nillimita id-dettalji ta' din il-kitba qasira għall-fili koassjali.

Biex tgħinkom fl-għażla tagħkom, hawn taħt għandkom telfien tas-sinjal fil-fili koassjali differenti f'dBs għal tul ta' 10 metri. Għal tulijiet ta' metru iddividu b'10 u għal tul ta' 100 metru immultiplikaw b'10. Għal tulijiet oħra iddividu b'10 biex ikollkom it-telf f'tul ta' metru u immultiplikaw bit-tul tal-fil koassjali li għandkom.

| **Tip** | **Frekwenzi MĦz** | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | **144** | **432** | **960** | **1296** | **2000** | **2400** |
| **RG174** | **3.4** | **6** | **9.29** | **11** | **0** | **0** |
| **RG58** | **2** | **4** | **7.6** | **9** | **15.5** | **0** |
| **RG213U** | **0.82** | **1.5** | **2.33** | **2.6** | **5.18** | **0** |
| **H100** | **0.49** | **0.88** | **1.33** | **1.6** | **0** | **0** |
| **W103** | **0.45** | **0.75** | **1.3** | **1.5** | **2.1** | **0** |
| **LDF250** | **0.38** | **0.65** | **1.12** | **1.3** | **1.7** | **1.87** |
| **LDF450** | **0.25** | **0.4** | **0.712** | **0.72** | **1.07** | **1.17** |
| **ECO15** | **0.34** | **0.61** | **0.98** | **1.14** | **1.47** | **1.63** |

Nittama li din l-informazzjoni ssibuha siewja.

**Lawrence**
**9Ħ1AV/9Ħ9MĦR/9Ħ79AV**

## Informazzjoni Ġenerali

Illum ħsibt li nġibilkom ftit tagħrif ġenerali dwar id-delizzju tagħna. Dan it-tagħrif huwa mill-aktar siewi għaliex huwa dwar l-apparat elettroniku u tagħrif ieħor li m'għandix dubju li sejrin issibuħ siewi.

## Fili tal-kulur fl-apparat

Kulħadd jaf li fl-apparat elettroniku jintużaw fili insulati bl-insulazzjoni tkun ta' kuluri differenti. Dawn ma jintużawx bl-addoċċ, imma kull kulur jintuża għal xi ħaġa partikolari. Għaldaqstant, meta wieħed ikun qiegħed jeżamina ċirkwit jista' jkun jaf għal liema kulur għandu jfittex għal xi parti taċ-ċirkwit partikolari.

Bl-istess mod, jekk wieħed ikun qiegħed jagħmel xi apparat huwa stess, għandu jipprova juża l-istess kuluri bħal ma huma wżati f'apparat kummerċjali, kemm biex iżomm mal-prattika kummerċjali biex min jara jew ikun qiegħed isewwi l-apparat ikun immexxi sewwa, kif ukoll biex juri li huwa jaf kif l-affarijiet isiru u jintużaw mill-industrija.

Madankollu, wieħed m'għandux jaħdem bl-addoċċ u għaliex kulur jintuża għal xi ħaġa partikolari jaqbad u jaċċetta li huwa wżat f'dak l-apparat partikolari għal dak il-għan, għaliex min ikun għamlu jista' ma jkunx mexa mal-prattika kummerċjali. Għaldaqstant, għalkemm il-kulur jagħtikom ħjiel, dejjem għandkom toqgħodu attenti u taraw sewwa ċ-ċirkwit billi timxi mal-fili minn tarf għall-ieħor

Fejn ikun meħtieġ li jintużaw numru kbir ta' fili, nomalment il-kulur tal-insulazzjoni jkun abjad u jkun hemm faxex ta' kuluri differenti li jew ikunu maqtuha jew ikunu bħal spirali mat-tul tal-fil. Jista' jkun li tintuża aktar minn faxxa waħda u f'dak il-każ il-faxxa l-aktar wiesha tkun l-ewwel kulur.

Biex tkunu tistgħu tagħrfu l-fili ta' kuluri differenti għal fejn jintużaw fl-apparat elettroniku, hawn taħt għandkom tabella li turikom dan.

| Kulur | Tip ta' ċirkwit |
|---|---|
| **ISWED** | **Ertijiet, elementi ertjati, u lura (pol negattiv)** |
| **KANNELLA** | **Heater jew filamenti, mhux ertjati** |
| **AĦMAR** | **B + Pol pożittiv** |
| **ORANĠJO** | **Grilja 2, bażi 2 tat-transistor** |
| **ISFAR** | **Katodju u emitter tat-transistor** |
| **AĦDAR** | **Grilja 1, anodju tad-diodji, bażi 1 tat-transistor** |
| **BLU** | **Anodju, kollettur tat-transistor** |
| **VJOLA** | **Power Supply, pol negattiv** |
| **GRIŻ** | **fili AC tal-mains** |
| **ABJAD** | **bias, B jew Ċ minus, AGC** |

Il-kulur isfar u l-abjad għamiltom fuq sfond blu għaliex inkella ma jidhrux sewwa fuq sfond abjad.

## Multiplikaturi

Kulħadd jaf kemm fid-delizzju tagħna nużaw espressjonijiet bħal ma huma kilo, mega, micro piko u espressjonijiet bħal dawn meta nkunu qed nitkellmu dwar formoli li intużaw fl-elettronika. Nitkellmu dwar mikrofarad, pikofarad, millivolt, milliampere, mikroampere, megohms, megaċikli, metri, millimetri u espressjonijiet oħra bħal dawn.

Dawn nużawhom meta rridu nfissru kemm dak il-kejl li nkunu għamilna jew qegħdin naqraw ikun ifisser, bħala eżempju, jekk ngħidu 500 milliampere infissru li hemm kurrent ta' nofs ampere għaddej minn dak iċ-ċirkwit. Bl-istess mod, jekk ngħidu 5 mikrovolt infissru li hemm 5 minn miljun parti ta' volt fuq dik il-parti taċ-ċirkwit.

Imma kif niktbuhom fil-qosor u kemm eżatt ifissru. Hawn taħt għandkom li tabella li turikom dan.

| Prefiss | Simbolu | Multiplikatur |
|---|---|---|
| **Tera** | **T** | $10^{12}$ |
| **Giga** | **G** | $10^{9}$ |
| **Mega** | **M** | $10^{6}$ |
| **Kilo** | **k** | $10^{3}$ |
| **Hekto** | **h** | $10^{2}$ |
| **deċi** | **d** | $10^{-1}$ |
| **ċenti** | **ċ** | $10^{-2}$ |
| **milli** | **m** | $10^{-3}$ |
| **mikro** | ***μ*** | $10^{-6}$ |
| **nano** | **n** | $10^{-9}$ |
| **piko** | **p** | $10^{-12}$ |

# Transformaturi

Hawn taħt għandkom informazzjoni dwar transformaturi u l-kuluri tal-fili li jintużaw fit-transformaturi differenti li wieħed isib fl-apparat elettroniku.

## Transformaturi IF

It-transformaturi IF jinsabu f'riċevituri magħrufa bħala superħet

| | |
|---|---|
| BLU | **Anodju** |
| AĦMAR | **B+** |
| AĦDAR | **Grilja jew anodju tad-diodju** |
| ISWED | **in-naħa l-oħra tal-grilja jew anodju tad-diodju** |
| AĦDAR u ISWED | **kojl sekondarju ittappjat min-nofs** |

Jekk il-kojl sekondarju tat-transformatur IF tkun ittappjata min-nofs, **il-fil tal-anodju tat-tieni diodju ikun iffaxxjat AĦDAR** u **ISWED u l-fil tal-ittappjar tan-nofs ikun ISWED**.

## Transformaturi Awdjo

Dawn il-marki japplikaw ukoll għal transformaturi wżati minn linja għall-grilja u minn valvi għal linja.

| | |
|---|---|
| BLU | **Anodju tmiem il-kojl primarju** |
| AĦMAR | **B+ Kemm jekk il-kojl primarju huwa singlu jew ittappjat min-nofs** |
| KANNELLA | **Anodju il-bidu meta l-kojl primarju huwa ittappjat min-nofs. Jekk il-polarita ma tkunx importanti din tista' tkun BLU.** |
| AĦDAR | **Grilja tmiem tal-kojl sekondarju** |
| ISWED | **Grilja lura kemm jekk il-kojl sekondarju jkun singlu jew ittappjat min-nofs** |
| ISFAR | **Grilja il-bidu jekk il-kojl sekondarju jkun ittappjat min-nofs. Jekk il-polarita' ma tkunx importanti din tista' tkun ĦADRA.** |

**Użajt sfond blu għaliex l-isfar ma jkunx jidher tajjeb fuq sfond abjad.**

## Transformaturi tal-Mains

| | |
|---|---|
| SUWED | **Kojl Primarju. Jekk ittappjat il-komuni jkun ISWED, il-fil tal-ittappjar ikun iffaxxjat ISFAR u ISWED. It-tmiem ikun iffaxxjat AĦMAR u ISWED.** |
| ĦOMOR | **Vultaġġ għoli. Ittappjar tan-nofs iffaxxjat AĦMAR u ISFAR** |
| ISFAR | **Kojl tal-heater tar-rettifikatur Ittappjar tan-nofs iffaxjat ISFAR u BLU** |
| AĦDAR | **Kojl tal-filament numru 1 ittappjar tan-nofs AHDAR u ISFAR** |
| KANNELLA | **Kojl tal-filament numru 2 ittappjar tan-nofs iffaxxjat KANNELLA u ISFAR** |
| GRIŻ SKUR | **Kojl filament numru 3 ittappjar tan-nofs iffaxxjat GRIŻ SKUR u ISFAR** |

Nittama li ssibu din l-informazzjoni siewja, imma kif għedtilkom oqgħodu attenti għax jista' jkun li xi ħadd ma wżax dawn il-kuluri jew bidel xi fili u bidel il-kuluri. Madankollu, dawn il-kuluri jagħtukom idea ta' x'tistgħu tistennew, imma dejjem oqogħdu attenti minn vultaġġ għoli għax dak ma tilgħabx miegħu. Inti ma tingħatax ċans ieħor.

**Lawrence**
**9H1AV/9H9MHR/9H79AV**

## Attivitajiet tal-MARL

# Eżami għal-liċenzja

Il-Malta Amateur Radio League (MARL) se tagħmel l-eżami għal dawk li jridu jiksbu liċenzja ta' dilettanti tar-radju. Dan l-eżami se jsir fiċ-Ċentru tal-MARL fi Triq Notabile, Ħ'Attard nhar is-Sibt 17 ta' Lulju.

L-eżami fih żewġ partijiet : bil-kitba bejn id-09.00 a.m. u 11.15 a.m. u prattika kodiċi Morse minn 12.00 a.m. sas-13.00 p.m.

Tajjeb li tkunu tafu li jekk il-kandidati jispiċċaw l-eżami bil-kitba qabel il-ħin allokat, l-eżami tal-kodiċi Morse jibda qabel il-ħin avżat, għalhekk jekk jogħoġobkom kunu fil-post ftit kmieni.

l-applikazzjonijiet għandhom jingħataw sa' nhar il-Ħadd 4 ta' Lulju flimkien ma kopja tal-kulur tal-karta ta' identita' miż-żewġ naħat u fuq l-aplikazzjoni tagħkom iktbu n-numru taċ-ċellulari u l-indirizz tal-posta elettronika.

L-eżami bil-kitba jiswa €35 waqt li l-eżami tal-kodici Morse jiswa €7. Għal aktar informazzjoni ċemplu lis-Segretarju fuq 79437808 jew posta elettronika lil Exam Info jew personalment fiċ-Ċentru tal-MARL it-Tlieta u l-Ħamis bejn is-6.00 p.m. u t-8.00 p.m. u l-Ħadd bejn l-10.00 u 12.00 a.m.

Nixtiequlkom suċċess.

## Grupp tal-Yahoo

Oqgħodu attenti u idħlu fil-grupp tal-yahoo ħalli tkunu nfurmati sewwa bl-aħħar attivitajiet li nkunu se nagħmlu.

Tinsewx li se jkollna attivitajiet għat-tliet xhur li ġejjin u jista' jkun li ma jkunux jistgħu jidhru fuq dan il-fuljett minħabba li jkun diġa' ħareġ u għalhekk l-avviż isir fuq il-grupp permezz ta' l-internet.

Ibghatu ittra elettronika lil Ivan, 9Ħ1PI fuq ivan.privitera at gmail.com biex issiru membri tal-grupp

Infakkrukom ukoll li kull min irid jista' jniżżel dan il-Fuljett direttament minn fuq www.9h1mrl.org/newsletter.htm

Lawrence
9Ħ1AV/9Ħ9MĦR/9Ħ79AV